GUDJA

Minuti tal-wieħed u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 20/6 (18/10/2010)
   Addendum (19/10/10)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

5. Attivitajiet – Milied 2010 u l-Ewwel tas-Sena 2011

6. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 20/6 (18/10/2010)**
**Addendum (19/10/10)**

1.1 Il-minuti tat-18 t'Ottubru 2010 u l-addendum dwar l-istess laqgħa li kellha l-eżitu fid-19 ta'Ottubru 2010 li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel din il-laqgħa ġew approvati nem con.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Kumitat Konġunt Grupp G. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt Grupp G tal-Ħamis 11 ta' Novembru 2010 huwa ġie infurmat lil-parteċipazzjoni tal-Gudja sejra tkompli sal-31 ta' Diċembru

2010 jew għal ffit wara sakemm s-sistema tibda tagħdem fir-reġjun u b'hekk il-Gudja tkun parteċipi fis-sistema ta' LES Reġjun Nofsinhar. Is-sindku qal ukoll li qed jinħadem l-kontijiet sabiex il-Kunsill tal-Gudja jkun jista' jieħu l-ammont dovut wara li jitnaqsu l-ispejjes.

2.1.2 Reġjun nofsinhar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jattendi mhux anqas minn darba fix-xahar, il-laqgħat tar-Reġjun nofsinhar f'isem il-Kunsill lokali Gudja.

2.1.3 Xelter tal-Pjazza Gudja. Is-Sindku qal li jkun xieraq li dan ix-xelter issirulu kaptelli u struttura xierqa sabiex jinfetaħ minn żewġ bokok u l-pubbliku jkun jista' jżuru waqt il-festi tal-Milied 2010.

Is-Sindku qal li jista' jintużaw il-lampi tal-pitrolju li jinsabu għand il-Kunsill.

2.1.4 Xelter ta' ħdejn il-Kunsill fi Triq R. Caruana Gudja. Is-Sindku qal li dan ix-xelter li għandu bokka fit-tirq u l-oħra li tinfed mal-kantina taħt il-bini tal-Kunsill, jonqsu biss sistema ta' dawl u għalhekk bi sbiża relattivament żgħira ikun jista' ukoll jinfetaħ għal waqt il-festi tal-Milied 2010.

2.1.5 Xogħol fil-kmamar t'isfel fil-bini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinbidlu xi xorok u dan bi spiża ta' xi €380 (+VAT).

Is-Sindku qal ukoll illi l-Perit tal-Kunsill ikkonferma li t-travi jinsabu fi stat tajjeb.

Is-Sindku qal ukoll illi għandu jsir xogħol ta' tisbieħ f'dawn il-kmamar, inkluża fejn hemm l-għassa tal-Pulizija dwar is-sistema ta' dawl u ilma u fil-ħitan sabiex dawn il-kmamar ikunu jistgħu iservu kemm lill-Kunsill kif ukoll l-Għassa tal-Pulizija.

2.1.6 Problema fi Triq Ħal Resqun (fejn jagħlaq) fil-Gudja. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi meta tagħmel ix-xita d-demel tar-razzett issod il-kanal li fih jisbokka l-ilma isaffi minn isfel. Hemm ħafna tul u mhux possibli li tagħmel katusa meta tinfed it-triq. Iżda dwar dan ma hemmx xi data fissa, meta sejra din il-problema tiġi solvuta.

Peress li qed jinqala l-inkwiet qalb ir-residenti, l-Kunsill qabel li ssir filata ġebel u b'hekk jilqa sabiex ma joħroġx demel u materjal ieħor fit-triq.

2.1.7 Dwar patching f'diversi toroq fejn meħtieġ ġewwa l-Gudja. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar li f'diversi toroq hemm ħsarat u hemm bżonn ta' patching bl-asphalt jew b'konkos. Il-Kunsill qabel li dwar dan tissejjaħ laqgħa urġenti li għalija għandu jkunu preżenti l-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit l-prijorita kif ukoll dwar l-aħjar metodu li jsiru x-xogħlijiet.

2.1.8 Gudja 575 sena Parroċċa. Is-Sindku qal li jkun xieraq li waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' dan l-Anniversarju li tingħata tifkira mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jsir stħarriġ dwar l-ideat ta' kif għandha ssir din it-tifkira.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Problema dwar skips ta' skart organiku/domestiku. Is-Sur Baldacchino qal li wasal iż-żmien sabiex jinbidlu dawn l-iskips billi jibdew joħroġu pagamenti ta' dan il-kuntratt f'isem Jonathan Zammit li huwa 'de facto' is-sub-kuntrattur tas-Sur Pawlu Cutajar u b'hekk ikun jista' jixtri dawn l-iskips u l-Kunsill ikollu servizz aħjar.

Il-Kunsill qabel ukoll sabiex jibdew il-preparamenti sabiex toħroġ sejħa (tender) skond il-proċeduri sabbiliti għal ġbir ta' skart organiku u domestiku.

2.2.2 Xogħlijiet ambjentali fil-Housing Estate tal-Mitħna. Is-Sur Baldacchino fakkar li xi żmien ilu l-Kunsill kien imwiegħed mill-Housing Authority li jsir xogħol meħtieġ kif ukoll faċilitajiet oħra li minnhom igawdu r-residenti ta' dan il-Housing Estate speċjalment r-residenti tal-flats li joqgħodu tal-Mitħna.

Il-Kunsill qabel li jerġa jara l-pjanta u xogħlijiet li kienu ġew ippreparati mill-Kunsill u jagħmel rappreżentazzjoni xierqa mal-Housing Authority dwar it-twettieq ta' dan il-proġett għal ġid tar-residenti kollha li joqgħodu fl-estate tal-Mitħna, Gudja.

2.2.3 Proġett ta' Public Private Partnership (PPP) mal-Gudja United FC. Is-Sur Baldacchino staqsa dwar dan il-proġett u gie infurmat illi kien hemm diversi kuntatti kemm mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mal-Kummissjoni tal-iSport bil-għan li jiġi konkluż u iffirmat dan il-ftehim sabiex minnu jkunu jistgħu jibbenefikaw in-nies tal-Gudja speċjalment iż-żgħażagħ.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Mark Anthony Sammut

a. Youth in action 2010. Is-Sur Sammut qal li huwa ukoll xtaq jirringrazzja lil Kunsill kif ukoll lis-Sur A. Dalli u Sur O Pace u lill-parteċipanti f'dan il-programm u awgura li meta jkun hemm programmi simili jkun hemm aktar żgħażagħ Gudjani li jipparteċipaw f'dan il-programmi.

b. Kunċert tal-10 ta' Diċembru 2010. Is-Sur Sammut qal li dan il-Kunċert sejjer issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill bil-għan li jidgawda sewwa minn kulħadd. Il-Kunsill qabel li peress li din hija attivita f'isem il-Kunsill, il-Kunsill għandu jħallas s-somma ta' €130.00 bħala parti mill-ispejjeż għax il-Kunsill għandu kull interess li jxerred il-Kultura qalb in-nies tal-Gudja.

2.3.2 Sur Anthony Dalli

a. Ċentru ta' taħriġ u tagħlim tul il-ħajja. Is-Sur Dalli qal li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jgħarraf lin-nies dwar dan iċ-ċentru u jitlob li kull min jinteressah javviċina lil Kunsill sabiex jinkiteb u jagħti t-tagħrif meħtieġ. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra ċirkulari lir-residenti kollha tal-Gudja dwar dan bil-għan li dan iċ-ċentru jibda jopera f'Jannar 2011. Il-Kunsill qabel ukoll li jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet konċernati sabiex tinkiseb l-għajnuna meħtieġa dwar l-operat ta' dan iċ-ċentru.

b. Injezzjonijiet ta' l-influwenza. Is-Sur Dalli qal li dan is-servizz ingħata sewwa mill-bini tal-Kunsill u dawk li ħadu l-injezzjoni urew sodisfazzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

c. Servizz tas-Sigurta Soċjali mill-ufficċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal li dan is-servizz miexi sewwa iżda jidher li jkun hemm problema meta l-karta r-roża tkun jew tiġi mġedda jew tintalab minn xi resident. Il-Kunsill qabel li dwar din il-problema għandu jiġi nfurmat s-Sur Mark Musu sabiex jekk ikun possibli ntejbu s-servizz kif ikun meħtieġ.

d. Youth in action 2010 – Il-Kultura tar-Reliġjonijiet. Is-Sur Dalli qal li kif kien ġie approvat mill-Kunsill huwa u s-Sur Roderick Bilocca kienu leaders ta' grupp ta' żgħażagħ Gudjani li marru Praga fil-perjodu bejn it-08 u s-16 t'Ottubru 2010. Is-Sur Dalli qal li dan il-grupp kiseb suċċess kemm mill-att personali tal-parteċipanti kif ukoll bħala Grupp u għamel ġieħ lill-Gudja u lil Malta. Is-Sur Dalli qal ukoll illi f'isem il-parteċipanti kollha xtaq jirringrazzja lill-Kunsill kollu tal-Gudja speċjalment liż-żewġ Kunsillieri s-Sur Sammut u s-Sur Pace kif ukoll l-organizzturi barranin l għamlu dan il-youth in action programme possibli. Is-Sur Dalli qal li xtaq li rapport dwar din il-youth programme jingħata lill-Media.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-ilment li rċieva u dawra l-azzjoni li qed tittieħed f'waqta sabiex jiġi eliminat kull inkonvenjent.

Dwar l-ilment u l-ħtieġa ta' patching f'diversi toroq il-Kunsill qabel li dan sejjer jiġi diskuss waqt laqgħa urġenti tal-Kunsill.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress tat-talbiet tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-progress kif meħtieġ.

### 4.0 Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun)

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat illi l-kuntratti ġew iffirmati u qegħdin nistennew il-permessi meħtieġa sabiex jinbeda x-xogħol.

## 5.0 Attivitajiet Milied 2010 u l-Ewwel tas-Sena 2011.

5.1 Villaġġ tal-Milied ġewwa l-Gudja

l-Kunsill ġie infurmat illi meta saret sejħa għall-offerti dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill dwar dan il-villaġġ tal-Milied kien hemm offerta waħda dik ta' Pool Group Malta li tlaħħaq mas-somma ta' €4,484.00 iżda li tista tiżdied bi ftit jekk jintalbu aktar servizzi u parteċipanti.

Il-buġit approvat hua ta' €5,000.00 u l-Kunsill qabel li jipprova jikseb xi sponsors/donazzjonijiet sabiex inaqqsu l-ispejjeż.

Il-Kunsill ra l-kontenut ta' din l-offerta u qabel li jaċċetta l-offerta ta' Pool Group Malta kif indikata hawn fuq u qabel li jagħmel il-kuntratt kif ikun meħtieġ.

5.2 Programm tal-Milied 2010

Is-Sur Baldacchino qal li dan il-programm ġie preparat u sejjer jitqassam lir-residenti kollha tal-Gudaj u partijiet oħra ta' Malta fi żmien qasir.

Is-Sur Baldacchino qal li dan il-programm sejjer jibda fl-01 ta' Diċembru 2010 bil-preżentazzjoni tal-presepju mis-Sur Charles Zammit lill-iSkola Primarja tal-Gudja.

5.3 Tiżjin tat-toroq f'Tal-Mitħna Housing Estate Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq jirringrazzja lis-Sur Charles Zammit għal ħidma tiegħu b'mod volontarju sabiex iżejjen it-toroq f'Tal-Mitħna b'tiżjin li jirrispetta l-ambjent u li m'għandux bżonn enerġija ta' l-elettriku.

Is-Sur Baldacchino qal li din hija inizjattiva ambjentali u li turi li l-Kunsill anke waqt il-Milied jibqa' konxju li jirrispetta l-ambjent.

Il-Kunsill qabel unanimament li jirringrazzja lis-Sur Charles Zammit għal ħidma volontarja tiegħu mal-Kunsill u b'risq ir-residenti tal-Gudja.

5.4 Dawl u Tiżjin tal-Milied fir-roundabout fid-daħla tal-Gudja biswit il-Palazz ta' Bettina.

Is-Sur Baldacchino qal li wara ħidma kbira l-Kunsill irnexxilu li jixgħel din ir-roundabout u b'hekk l-atmosfera tal-Milied tibda ukoll mad-dħul sabieħ tal-Gudja.

Il-Kunsill awgura li din il-ħidma titgawda u tiġi apprezzata mill-poplu kollu speċjalment minn nies tal-Gudja.

## 6.0 Finanzi

6.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' 2010 b'ammont ta' €81.80 ġie approvat kif ippreżentat.

6.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' 2010 għas-somma ta' €20137.41 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u l-infieq kif ġie indikat f'dawn il-minuti aktar il-quddiem.

6.3.2 Xogħlijiet u materjal meħtieġ fis-sular t'isfel, fil-kantina u fix-xelter fil-bini tal-Kunsill 88 Triq R. Caruana Gudja. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet u spejjeż meħtieġa sabiex filwaqt li tingħata dehra aħjar għal bini tal-Kunsill li tinkludi l-Għassa tal-Pulizija, l-Kunsill ikun jista' joffri x-xelters għall-viżita tal-pubbliku speċjalment waqt il-festi tal-Milied u festi u okkażjonijiet oħra fil-Gudja.

6.3.3 Tappieri. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 20 tappiera ta' 6 pulzieri u tappiera waħda ta' 8 pulzieri.

6.3.4 Ġebel għall-ilqugħ. Il-Kunsill qabel li jinxtraw erba' vjaġġi ġebel (60 kantun).

## 7.0 Għeluq tal-laqgħa

7.1 Traffic Lights minn Triq de Warsbergħ għall-Ajruport u minn Dawret il-Gudja għal Triq Burġlat.

Il-Kunsill qabel li jerġa jagħmel rappreżentazzjoni mat-Trasport Malta (TM) u jagħti site plan sabiex it-talba tal-Kunsill tkun tista' tiġi segwita aħjar.

7.2 Siti fil-Gudja li jeħtieġ ħajt madwarhom sabiex jiġi mħares l-ambjent. Il-Kunsill ikkonsidra diversi siti fosthom żewġ siti fi Triq William Baker, Triq Kan. Dun Pietru Farrugia, Triq il-Lewż, ġewwa l-Gudja li għandhom il-ħtieġa li jittella ħajt skond kif titlob il-MEPA.

Il-Kunsill qabel illi jitlob il-Perit tal-Kunsill li jagħmel rapport dwar dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jitlob il-MEPA sabiex issir xogħol konġunt dwar dan u jiġi mħares l-ambjent.

Il-Kunsill qabel ukoll illi dwar dan is-siti hemm il-ħtieġa li jinsabu s-sidien sabiex ikunu konxji ta' dak meħtieġ u kull xogħol li sew jagħmel il-Kunsill kif ukoll tal-MEPA għandhom jitħalsu mis-sidien ta' dawn is-siti.

7.3 Ħofor għall-arbli tal-festi. Il-Kunsill ħa konjużjoni li meta jsiru l-ħofor u l-Kunsill iħallas għat-tappieri sabiex ma jkunx hemm riskju li xi ħadd jikser saqajħ u li dan jista jinkorri spejjeż għall-Kunsill.

Il-Kunsill għalhekk qabel li tintbagħat ittra qabel il-festi lil każini u għaqdiet konċernati sabiex titlob aktar ko-operazzjoni u tiġibed l-attenzjoni li min juża dawn il-ħofor għandu jkun responsabbli li jużawhom sewwa għaliex min jagħmel il-ħsara ikollu jħallas għal dan.

7.4 Ħarsien u użu tajjeb ta' l-iskips. Il-Kunsill qabel li jitwaħlu avviżi fuq l-iskips u fil-madwar li ż-żibel għandu jintrema fil-boroż u li ma tistax tarmi skart mill-barmil.

7.5 Festin tal-Milied 2010/2011. Il-Kunsill qabel li jimxi mal-provediment tal-Memo 122/2010 tad-09 ta' Settembru 2010 dwar ikliet/riċeviment

organizzati mill-Kunsilli Lokali u qabel ukoll li jiġi organizzat riċeviment żgħir kif maħsub f'din il-memo.

Aġġornament

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembrub 2010 jew f'data oħra aktar konvenjenti kif jiġi avżat aktar il-qudiem.

Il-Laqgħa għalqet fit-8.30p.m.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________